MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 1/2005

**Stephen Camilleri**

**vs**

**Coralline Stone Malta Ltd.**
**u kjamat in kawza Saviour Caruana**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Frar, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-29 ta' Jannar 2004 fejn ir-Rikorrenti talab danni ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) rapprezentanti rham mal-kamra tal-banju li wara li twahhal, kien maqtugh hazin u ghalhekk ma giex sew.

L-intimati pprezentaw Risposta ghal din it-talba u attendew ghas-seduti.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema’ x-xhieda ta’ l-intimati li huma rapprezentant tad-ditta ntimata u l-intimat Saviour Caruana, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kienu ordnaw xoghol ta’ rham ghal kamra tal-banju u gie Saviour Caruana fejn ha l-qisien. Wara li ha l-qisien ghaddiehom ghand id-ditta ntimata sabiex jinqata’ l-irham. Meta marru sabiex iwahhlu l-irham kien hemm diversi nuqqasijiet fosthom li meta gie mwahhal ma qabilx, kien hemm qasma u wahhalha u l-irham inqata’ bil-kontra.

2. L-intimat Coralline Stone Malta Ltd. issottomettew li l-qtugh ta’ l-irham sar skond is-sena u l-arti u x-xoghol sar skond l-istruzzjonijiet moghtijin lilhom minghand Saviour Caruana. L-intimat Saviour Caruana qal li l-kejl hadu tajjeb u ma kienx it-tort tieghu li sar hazin.

3. It-Tribunal wara li sema’ lill-partijiet jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa’ t-talba tar-Rikorrenti u jordna lill-intimat Saviour Caruana ihallas l-ammont ta’ erba’ mitt Lira Maltin (Lm400) bl-ispejjez kontra l-istess intimat.”

L-imsejjah fil-kawza Saviour Caruana appella minn din is-sentenza bl-aggravju principali li jikkontesta l-kondotta tat-Tribunal fil-konfront tieghu u jattribwilu ksur tar-regola ta’ gustizzja naturali *audi alteram partem.* Barra minn dan l-istess appellant jissottometti wkoll b’ aggravju illi l-ispejjez

tal-kawza ma kellhomx jigu addossati fuqu meta ma kienx hemm talba ghal daqshekk mill-attur;

Jigi osservat in aggunta illi l-appellanti ssolleva wkoll b' aggravju illi gjaladarba huwa mhuwiex "kummercjant" it-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni li jitratta u jiddeciedi l-kaz fil-konfront tieghu. Huwa jsostni dan mit-termini ta' l-Artikolu 20 ta' l-Att XXVIII ta' l-1994 li jillimita l-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal kwestjonijiet imressqa "minn konsumaturi kontra kummercjanti";

Issa huwa veru illi l-appellant ma huwiex kummercjant u l-inkarigu affidat lilu ma jistax lanqas *per se* jigi kwalifikat bhala att ta' natura kummercjali, li jipprecizaw il-provvedimenti tal-Kodici ta' Kummerc (Artikoli 4 u 5), imma pjuttost dak ta' kiri ta' xoghol u ta' industrija kif definit fl-Artikolu 1623, Kodici Civili. B' dana kollu jigi notat illi fir-risposta tieghu quddiem it-Tribunal l-appellant ma ssolleva ebda eccezzjoni f' dan is-sens u t-Tribunal ma okkupax ruhu minn kwestjoni konsimili fis-sentenza attakkata. Kif drabi ohra osservat "mhux lecitu allura li f' dan l-istadju jqajjem eccezzjonijiet li hu kellu kull opportunita` li jissolleva fi stadju opportun quddiem l-ewwel istanza. Il-ligi ta' procedura dan mhux biss ma tippermettihx imma tipprovdi ghall-kuntrarju illi bl-akkwiexxenza tal-konvenut tigi sanata kull eventwali rregolarita procedurali li seta' kien hemm" – "**Doris Gauci *et* –vs- Albino Micallef *et***", Appell mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumaturi, 28 ta' April 1998;

Eliminata din il-kwestjoni, din il-Qorti thoss li qabel xejn ghandha taghmel dawn ir-riflessjonijiet:

(1) Fl-apprezzament tal-fatti t-Tribunal huwa l-uniku arbitru u d-decizjoni tieghu ma hijiex fuq din il-bazi sindakabbli minn din il-Qorti ta' revizjoni;

(2) L-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378 jakkorda appell lil din il-Qorti "meta t-Triibunal ikun mar kontra d-

dettami tal-gusitizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b' mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella";

(3) Inghad a propozitu illi "din il-Qorti tara illi trid tirrispetta l-volonta` tal-poter legislattiv tal-pajjiz li ha decizjoni li jikkreja Trinubal illi ghandu funzjoni u mansjoni ferm differenti minn dak ta' qorti tal-ligi u li ghandu jiddeciedi fuq bazi ta' gustizzja sostantitva tal-kaz u skond l-ekwita`, kif ukoll ghandha d-dover illi tirrispetta l-volonta` tal-Parlament meta fil-promulgazzjoni tal-Kapitolu 378 specifikament illimita d-dritt ta' l-appell ghal dawk il-kazijiet fejn it-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali u inoltre dik l-azzjoni tkun ippregudikat b' mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella" – "**Romina Vella -vs- Ronald Cachia (Phoenicia Laundry & Dry Cleaning)**", Appell, 24 ta' April 2001;

Fermi dawn ir-riflessjonijiet, huwa paciifkament assodat illi, kif gie bosta drabi ritenut mill-Qrati taghna, hemm ksur tal-principju ta' gustizzja naturali meta tigi vjolata r-regola mportantissima "*audi alteram partem*", liema regola ghandha tigi dejjem osservata, u n-nuqqas ta' osservanza taghha mit-tribunali specjali ggib li l-Qrati ordinarji jistghu jindahlu. Ara f' dan is-sens decizjonijiet a **Vol. XXXIII P I p 648, Vol. XXXV P II p 514** u **Vol. XXXVII P II p 675**, fost ohrajn;

F' dan il-kaz l-appellant jikkontendi li grat irregolarita` li tammonta ghall-vjolazzjoni tal-principju fuq imtenni ghal motiv li hu ma nghatax l-opportunita` li jiddefendi l-kaz tieghu. M' hemmx dubbju illi l-appellanti kien ikollu ragun f' din l-asserzjoni tieghu kieku l-atti istruttorji tal-kaz jissufragaw l-appell tieghu. Dan certament ma huwiex il-kaz hawnhekk. Jirrizulta li l-appellant xehed meta tressaq minn wiehed mill-kontendenti u ghamel ir-risposta tieghu (fol. 13) meta gie kjamat fil-kawza. Sa hawn l-*iter* tal-kawza kien ghal kollox wiehed regolari u ma jistax ghalhekk jinghad li ma nghatax l-opportunita li jipprezenta d-difiza tieghu u jiddefendi ruhu personalment u permezz ta' provi. Inversament, u ciononostante, l-appellant naqas

li jidher fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2004 u dippju lanqas ma ndenja ruhu jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza li nghatat fl-1 ta' Frar 2005, kieku verament, u konkretament ukoll, hass il-htiega li jressaq il-provi tieghu u jaghmel is-sottomissjonijiet opportuni. F' cirkostanzi bhal dawn meta hu jkun naqas li jidher u jgib 'il quddiem il-provi tieghu meta kellu l-opportunita` jaghmel dan ikollu jinghad li allura *imputet sibi*. Ara f' dan l-istess sens u kuntest id-decizjonijiet fl-ismijiet "**Joseph Falzon -vs- Anthony Debono *nomine***", Appell Kummercjali, 13 ta' Jannar 1975 u "**Lawrence Ciantar *nomine* -vs- Anthony Montebello**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997;

Jitnissel ghalhekk mis-suespost illi din il-Qorti ma tistax tirravviza fil-proceduri ebda agir da parti tat-Tribunal adit li jmur kontra d-dettami tal-gustizzja naturali. Jekk ma kienx hemm tali vjolazzjoni hu difficli li jigi sostenut li kien hemm il-pregudizzju li jsemmi it-test ta' l-Artikolu 22 (2) ta' l-Att u li dwaru lmenta l-appellant. M' ghandux dejjem jigi minsi illi l-pregudizzju mahsub mil-ligi hu kollegat mal-vjolazzjoni tal-principju u allura hu ta' indoli procedurali u mhux sostanzjali. *Ergo*, la ma kienx hemm il-ksur allegat ma jistax lanqas guridikament jissussisti l-pregudizzju. Mhux il-kaz ghalhekk li din il-Qorti takkolji l-aggravju ta' l-appellant fuq il-bazi sostenuta minnu.

Kwantu ghall-gravam dwar il-kap ta' l-ispejjez, ibda biex, anke jekk ma jkunx hemm talba formali espressa, il-ligi stess tahseb bl-Artikolu 177, Kapitolu 12 illi "l-klawsola 'bl-ispejjez' titqies bhala imdahhla f' kull skrittura li fiha jistghu jintalbu l-ispejjez" u skond l-Artikolu 223 (1) ta' l-istess Kapitolu 12 "kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez". Hi imbaghad il-ligi stess fil-kazijiet ta' din ix-xorta li thalli fid-diskrezzjoni tat-Tribunal kif dawn ghandhom jigu akkollati. L-Artkolu 25 (1) tal-Kapitolu 378 hu markatament car f' dan ir-rigward. Dan jaghti lit-Tribunal dik il-gwida necessarja illi "l-parti li titlef il-kaz ghandha tigi ordnata thallas l-ispejjez tal-parti l-ohra li favur taghha jkun inqata' l-kaz". Jekk hemm bzonn jigi ripetut illi, bil-kontra ta' l-intervjenti, l-imsejjah fil-kawza

huwa proprjament “parti” u ghalhekk jista’ jigi kkundannat ghall-ispejjez.  Dan l-aggravju qed jigi wkoll respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------